





# Kwadri b'episodji mill-Ħajja ta' Ġesù

Fl-Oratorju tal-Arċikonfraternità tas-Santissmu Sagrament, imwaqqfa fil-Parroċċa tal-Portu Salvo fil-Belt Valletta, hemm numru ta' kwadri sbieħ li fihom jidhru xeni differenti mill-ħajja ta' Ġesù fuq din l-art.

Minn meta twaqqfet din il-fratellanza tas-Santissmu Sagrament f'din il-knisja mill-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Dusina fid-19 ta' Frar 1575, l-imsieħba fiha ħadmu ħafna biex ikollhom oratorju ddekorat bl-isbaħ opri sagri biex ikun jista' jintuża għall-bżonnijiet tagħhom.

Fost l-opri sbieħ li jżejnu lil dan l-oratorju hemm il-kwadru titulari li huwa xogħol tal-Artist Mattia Preti. Fih huwa pinġa x-xena tat-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija. Nafu li għal dan ix-xogħol l-artist ma kienx talab ħlas, iżda bħala ringrazzjament kien ingħata s-somma ta' ħamsin skud mingħand il-Prokuratur Dovik Calleja.

Mal-ħitan tal-ġnub tal-oratorju minbarra x-xogħol sabiħ ta' skultura indurata u sett statwi tal-Appostli fin-niċeċ, hemm erba' kwadri li fihom hemm ix-xeni ta' Ġesù miexi fuq l-ilma, Ġesù qiegħed jiġi mogħti l-ikel mill-anġli meta kien fid-deżert, Ġesù waqt l-adorazzjoni fl-Ort tal-Ġetsemani u Ġesù qiegħed iqajjem lil Lazzru mill-mewt.

L-ewwel żewġ kwadri li semmejt huma xogħol tal-Artist Ġużeppi D'Arena li kien għex bejn is-sena 1643 u s-sena 1719. Għamilhom u tqiegħdu fil-post fis-sena 1694. B'kollox l-Artist D'Arena kien pinġa erba' kwadri għal dan l-oratorju, iżda sfortunatament maż-żmien tnejn minnhom tant iddeterjoraw li kellhom jiġu mibdula ma' tnejn oħra bl-istess suġġett mill-Artist Salvu Barbara fis-sena 1859.

L-Artist Barbara ma kienx attiv wisq fil-karriera artistika tiegħu għalkemm insibu xogħlijiet minn tiegħu fil-Knisja tal-Mosta, il-Knisja l-Qadima ta' San Ġiljan u l-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta. Huwa tgħallem għand l-Artist Giuseppe Hyzler u dan kien ħalla impressjoni tiegħu fuqu għaliex hemm xebh interessanti fix-xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ artisti.

Ta' min jgħid li l-ewwel xogħol li kien għamel f'dan l-oratorju l-Artist Barbara kien dak tar-restawr tal-kwadretti tal-Via Sagra ta' dan l-oratorju tas-Santissmu Sagrament.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**Mario Fenech**